MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 125/2009

**Parnis England Trucking Limited**

**vs**

**World Water Fisheries Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li qiedgha titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi ordnata thallas is-somma ta’ elf, sitt mija u hames Euro u hames centezmi (€1,605.05), bilanc minn somma akbar prezz ta’ servizzi ta’ *freight*, agenzija marittima u servizzi ohra relatati u VAT skont l-*istatements* u fatturi annessi.

Is-socjeta’ attrici nterpellat lis-socjeta’ konvenuta diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali tal-14 ta’ Frar, 2008 ipprezentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12, liema ittra giet kontestata mis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi preliminarjament, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 544 (a) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Kummercjali).

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici stante illi l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta' konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Joseph Bowman, General Manager tas-socjeta' attrici, li spjega li jiehu hsieb ix-xogholijiet li tkun qed taghmel is-socjeta' attrici. Jiehdu hsieb li jkollhom il-*containers* barra minn Malta li jghabbu l-merkanzija ta' diversi klijenti u li l-istess merkanzija titla' fuq il-vapur u tingieb Malta.

Minhabba li l-merkanzija in kwistjoni kienet *dry cargo*, il-merkanzija tispicca fil-*bondage stores* u tispicca ghand il-klijenti. Is-socjeta' konvenuta kienet inkarigathom sabiex iwasslulha merkanzija ta' hut u salamun, u dan ingieb b'*airfreight*, li thallset mis-socjeta' attrici.
Kien hemm ukoll madwar hames mitt (500) kaxxa ta' *frozen food* u dawn kienu gew permezz ta' *trailer* kif ukoll bil-vapur, wara li jigi ttrasportat mill-Italja, fejn imbaghad jasal sa' Genova. Ikun hemm l-Agent tal-vapur li jiehu hsieb li l-merkanzija titpogga fuq il-vapur, f'dan il-kaz kien il-Victory.

Malli l-merkanzija tasal Malta jhallsu lill-Cargo Handler, li f'dan il-kaz kien il-Malta Maritima Authority. Imbaghad ikun hemm is-Subcontractor li jiehu hsieb li jikkonsenja l-merkanzija lill-individwi.

Jikkonferma li kienu hallsu lill-Agent, li kien Gollcher, kif ukoll hallsu t-*trailer* kollu u l-*invoice* jigi a proporzjon tal-*claim*.

Ighid li kellhom jiehdu hsieb il-vjagg u li l-merkanzija tasal sad-destinazzjoni taghha.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta’ konvenuta qajmet l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 544 (a) Tal-Kap. 13 tal-Kodici tal-Kummerc.

Din id-disposizzjoni tal-ligi tikkontempla:-

***“L-azzjonijiet li gejjin jaqghu bil-preskrizzjoni kif sejjer jinghad hawn taht:-***

***(a) kull azzjoni ghall-hlas ta’ nol, sena wara li jispicca l-vjagg.”***

Noll, huwa il-*freight* li bhala kuncett gie deskritt bhala tali ***“freight is the reward payable to a carrier by sea for the safe carriage and delivery of goods”*** **- Joseph Ellul Sullivan et noe vs Tanced Tabone noe (17/10/2005 PA).**

Fil-gurisprudenza nostrana ukoll gie spjegat illi “***solitament freight forwarder ghandu l-veste guridika ta' intermedjarju biex iwassal il-merce minn punt ta' destinazzjoni ghall-punt ta' destinazzjoni iehor f'operazzjoni triangulari li normalment tinvolvi l-ispedizzjonijier u r-ricevitur. F'tali operazzjoni imbaghad jinserixxu ruhhom ukoll ir-rakkomandatarju tal-vapur, l-agent u l-vettura bil-bahar. Hi pero` realta` wkoll illi freight forwarder jista` jkun hu wkoll it-trasportatur u allura oltre l-funzjoni solita tieghu ta' intermedjarju tal-merce u tat-twassil taghha hu jassumi wkoll il-funzjoni ancillari ta' vettura.” – Atlas Insurance Agency Ltd noe. vs Gollcher Co.Ltd. noe. (App. 20/10/2003).***

Fil-kaz in ezami qed jintalab hlas ta’ *freight*, agenzija marittima u servizzi ohra relatati u VAT skont l-*istatements* u fatturi annessi.

Kien hemm merkanzija li ngarret bl-ajru, peress li dak iz-zmien ma kienux qed jaghmlu uzu minn *trailers*, u mbaghad kien hemm merkanzija ohra li ngarret bit-*trailer*, mit-Tramuntana tal-Italja sa’ Genoa, fejn imbaghad il-merkanzija taghbiet fuq il-vapur Victory, fil-presenza ta’ Agent u dan sabiex imbaghad tinhatt f’Malta u titpogga go *bonded stores* mill-Cargo Handlers u sussegwentement jitqassam lill-klijent.
Is-socjeta’ attrici, ghalhekk kienet giet inkarigata sabiex tiehu hsieb li l-merkanzija titlaq mid-destinazzjoni taghha u tasal fid-destinazzjoni kif indikata mis-socjeta’ konvenuta.

Jirrizulta ghalhekk, mill-provi, li s-socjeta’ attrici hadet hsieb il-*freight*, izda fl-istess operazzjoni kien hemm diversi Trasportaturi u Agenti li hadu hsieb li l-merkanzija tasal fid-destinazzjoni rikjesta. F’punt minnhom kien hemm transport bl-ajru, parti mill-merkanzija ukoll ingarret permezz ta’ *trailer*, kif ukoll bil-bahar.

Tul l-operazzjoni kien hemm Agenti, is-Subcontractor li kellu jiehu hsieb li l-merkanzija tittiehed minn gol-*bonded stores* ghal individwu li ordna l-merkanzija. Is-socjeta’ attrici hallset ukoll l-Awtorita’ Marittima bhala l-Cargo Handler.

Il-garr tal-merkanzija in kwistjoni ma kienitx wahda limitata ghal noll, izda tista’ tigi deskritta bhala wahda ta’ *combined transport*, fis-sens li kien hemm diversi mezzi tat-trasport u persuni jew vetturai, utilizzati ghal garr ta’ merkanzija, li ma jistghux jigu deskritti bhala noll u *di piu’* l-Artikolu 544 (a) jikkontempla preskrizzjoni qasira, li m’ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesgha, izda pjuttost wahda restrittiva.

Ghalhekk, din id-disposizzjoni tal-ligi ma tikkonkludix taht il-parametri taghha, *combined transport*, izda semplicement l-ingaggar ta’ xi persuna sabiex tiehu hsieb

u torganizza l-mod kif il-merkanzija ser titlaq minn destinazzjoni u tasal f'destinazzjoni ohra.

Fil-kaz '***Carmelo sive Charles Grima noe vs Joseph Petroni noe' (09/03/1988 - Vol. 72 (1988))*** Kummerc, l-attur fittex ghal noll ta' garr ta' merkanzija. Minn analizi tal-fatti, il-Qorti kkonkludiet illi l-kuntratt in kwistjoni kien wiehed ta' *combined transport* (i.e kien hemm garr mit-*trailer* u bil-bahar) li m'huwiex ikkontemplat specifikament fil-ligijiet specjali u fil-kodici tal-Kummerc u l-preskrizzjoni applikabbli ma tixtax hlief tirrizulta mir-regoli generali tal-Kodici Civili. Giet konsegwentement michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni.

Il-fattispeci tal-kaz, iwasslu lil dan it-Tribunal ghal istess konsiderazzjonijiet u ghaldaqstant, ma jistax jaccetta dak sottomess mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc u tordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-27 ta Ottubru, 2009.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------